# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 3 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 27/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Darren Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Darren Attard talli fid-9 ta' Jannar, 1999 ghall-habta ta' 21.30 *hrs.* fi Triq Erba Mwiezeb, limiti ta' Burmarrad (**1**) saq vettura BAB-892 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata), u (**2**) waqt li kien jaghmilha ta' sewwieq ta' l-imsemmija vettura ghabba jew garr numru ta' passiggieri aktar minn dak stabilit;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Jannar, 2001, li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat it-tieni mputazzjoni preskritta, u lliberat lill-imsemmi Darren Attard mill-ewwel imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-13 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

F'dana l-kaz l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell bis-sahha ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 26 tal-Kap. 65. Dina d-disposizzjoni taghti dritt ta' appell lill-imsemmi Avukat Generali kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt. Il-fatt li l-Avukat Generali jkollu dana d-dritt ta' appell hekk imsejjah "generali" jew "awtomatiku" – jigifieri mhux dritt ta' appell limitat ghas-sitwazzjonijiet kontemplati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali – ma jezonerax lill-istess Avukat Generali milli jispecifika r-raguni jew ragunijiet ta' l-appell kif rikjest bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 tal-imsemmi Kodici. Hija gurisprudenza kostanti li galadarba tigi specifikata r-raguni, jew jigu specifikati r-ragunijiet, ta' l-appell, l-appellant ikun marbut b'dik ir-raguni jew b'dawk ir-ragunijiet, fis-sens li tkun biss dik ir-

raguni jew dawk ir-ragunijiet li jistghu jigu kkunsidrati minn din il-Qorti, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistghu jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif specifikati. Issa, fil-kaz in dizamina l-appellant Avukat Generali qed jappella biss mill-liberazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni; u r-raguni minnu migjuba ma hix li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha, **izda li l-ewwel qorti enuncjat hazin il-ligi** fir-rigward tar-reat ta' sewqan ta' vettura li ma tkunx licenzjata (reat kontemplat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65). In fatti l-aggravju hu migjub f'dawn il-kliem:

"Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti erroneament iddikjarat li sabiex setghet legalment issib htija fl-imputat skond l-ewwel imputazzjoni kien jehtieg li anke tigi pruvata il-*mens rea* relativ".

Issa, apparti l-uzu da parti ta' l-ewwel qorti ta' espressjonijiet bhal "strict liabilty" u " mens rea" li huma espressjonijiet impurtati mid-dritt penali Ingliz (u li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tantx huwa desiderabbli li wiehed juza bl-addocc ghax spiss ma jaghmlux sens fil-kuntest tad-dritt penali taghna li ghandu bazi kontinentali u mhux ta' *common law* Ingliza[1]), l-ewwel qorti ma qalitx dak li l-Avukat Generali qed jghid li qalet. In fatti, fejn semmiet il-*mens rea*, l-ewwel qorti qalet hekk:

"…u ma kienx hemm il-*mens rea* mehtieg min-naha ta' l-akkuzat biex jigi kostitwit dan ir-reat…".

Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f'din is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jekk bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt penali taghna – l-element formali jew soggettiv tar-reat, l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta` penali. Ma hux korrett dak li donnu qed jippretendi l-Avukat Generali u cioe` li r-reat (li huwa delitt) ta' min isuq vettura li ma tkunx licenzjata (skond l-Artikolu 15(1)(a) imsemmi) ma fih ebda element formali. L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-konsapevolezza li wiehed qed isuq vettura mhux licenzjata, konsapevolezza li pero`, bhala kwistjoni ta' fatt, tista' tigi presunta fil-kaz ta' persuna li effettivament tkun qed issuq vettura mhux licenzjata peress li, skond gurisprudenza kostanti, huwa obbligu ta' kull min isuq vettura fit-triq li qabel ma jibda jsuq jaccerta ruhhu, u jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jassigura, li dik il-vettura tkun licenzjata (kif ukoll li tkun koperta bid-debita polza ta' assigurazzjoni). Bizzejjed jinghad li wiehed mill-modi kif wiehed jista' facilment jivverifika li l-vettura hija licenzjata hu li jara l-

---

[1] Il-Professur Alberto Cadoppi, studjuz tad-dritt penali komparat, jghid hekk dwar l-espressjoni *mens rea*: "Il giurista italiano che si affaccia allo studio della mens rea e` di primo acchito sorpreso e incuriosito dal fatto che, per esprimere l'idea (grosso modo) di colpevolezza, gli anglosassoni utilizzino di solito questa espressione latina. E` pur vero che molti termini giuridici impiegati nella common law sono di matrice latina. Ma, in questo caso, stupisce il fatto che l'espressione usata oltre Manica sia tutto sommato estranea alla tradizione italiana e continentale. Se e` chiaro il significato letterale di essa, va esplorata l'origine della penetrazione di questo "nomen" nella criminalistica anglosassone." (**Digesto**, IV Edizione, vol. VII Penale, *v. Mens Rea*).

licenzja li skond il-ligi trid tkun imwahhla mal-*windscreen*. Mill-banda l-ohra, jista' jkun hemm cirkostanzi li jinnewtralizzaw dana l-element formali jew soggettiv, bhal fil-kaz ta' persuna li tigi indotta fi zball genwin u ragjonevoli dwar il-licenzja tal-vettura. Din, pero`, hija kwistjoni ta' fatt, rimessa ghall-gudizzju ghaqli u prudenti tal-gudikant. Kif inghad, fil-kaz in dizamina l-appellant mhux jilmenta minn apprezzament zbaljat da parti ta' l-ewwel qorti tal-fatti kif irrizultaw, izba biss li kien hemm enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Galadarba ma kienx hemm tali enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi, kif qed jallega l-appellant fir-rikors tieghu, din il-Qorti ghandha tieqaf hawn, bla ma tghaddi biex tidhol fil-fatti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur